# Id-Devozzjoni lejn il-Lunzjata f'Malta tas-Seklu 17

Id-devozzjoni lejn il-Lunzjata, matul is-snin tas-seklu 17, nistgħu ngħidu li għamlet passi kbar ta' ġgant. L-ewwel u qabel kollox, żewġ kappelli ddedikati lil-Lunzjata ġew mogħtija l-unur li jsiru parroċċi. Barra minn hekk, żewġ kappelli oħra li kellhom it-titular tagħhom ta' Marija Annunżjata, saru kappelli marjani ta' fama internazzjonali. Fl-aħħarnett diversi altari ddedikati lil-Lunzjata ġew imwaqqfa f'diversi knejjes.

## Żewġ kappelli

Matul is-seklu 17, kien hemm żewġ kappelli ddedikati lil-Lunzjata li kisbu fama ma' l-erbat irjieħ tal-gżira maltija. Waħda minnhom kienet il-kappella li tinsab fl-inħawi tal-Għolja fil-limiti tas-Siġġiewi. Dawn l-inħawi hu kon-siderati bħala l-għolja postijiet tal-gżira ta' Malta. Barra mis-Siġġiewi kien hemm kap-pella oħra li kisbet fama ma' Malta kollha. Din kienet il-kappella ddedikata lil San Leonardu. Din il-kappella f'dawk iż-żminijiet kienet fil-limiti tal-parroċċa ta' Birkirkara. Fis-sena 1690, f'din il-kappella nstabet pittura triptika li kellha l-Lunzjata u San Leonardu fiċ-ċentru tagħha.



*L-Annunzjata u San Leonardu, Santwarju tal-Mensija, San Ġwann.*

## Altari

Mis-sena 1601, kien hemm diversi knejjes li ġew mogħtija altar iddedikat lil-Lunzjata. Insibu li fil-Għargħur ġie mwaqqaf altar tal-Lunzjata fil-knisja ta' San Bert, waqt li fl-istess raħal sar altar ieħor ta' l-istess devozzjoni fil-kappella ta' Żellieqa. F'Ħal Għaxaq għamlu altar tal-Lunzjata fil-knisja ewlenija ta' dak il-lokalita'. F'Ħal Lija waqqfu altar tal-Lunzjata fil-kappella ta' Santa Marija, magħrufa fost in-nies tal-post bħala tal-Belliegħa.

Il-Mosta waqqfet altar ta' din id-devozzjoni fil-knisja parrokkjali tagħha. Min-naħa l-oħra, l-Imqabba żiedet altar fil-knisja ewlenija tagħha. Dan kien iddedikat lil-Lunzjata. Ħal Qormi żejjen il-knsiaj parrokkjali billi daħħal altar tal-Lunzjata f'kappellun tar-Rużarju. Fl-Isla waqqfu altar tal-Lunzjata u fis-Siġġiewi żiedu altar ta' din id-devozzjoni marjana wkoll. Fiż-Żejtun twaqqaf altar tal-Lunzjata fil-knisja ta' Santu Spirtu. Waqt li fl-Imdina poġġew altar tal-Lunzjata fil-bini tal-knisja kattidrali l-ġdida. Dan sar fil-kappellun li jagħti għall-kappella tas-Sagrament. Fin-Naxxar waqqfu wkoll altar tal-Lunzjata fil-knisja parrokkjali l-ġdida.

➥

## Ħal Tarxien

L-ewwel kappella li ġiet mogħtija l-unur biex isservi ta' knisja parrokkjali u li kienet iddedikata lil-Lunzjata, kienet dik li kienet tinsab f'Ħal Tarxien. Fis-sena 1577 din il-kappella tissemma li kienet l-aqwa kappella ta' dan il-post. Qabel ma telgħet il-knisja parrokkjali l-ġdida biswit din il-kappella kien hemm żewġ kappelli żgħar. Waħda minnhom kienet iddedikata lil San Pawl u l-oħra kienet iddedikata lil San Luqa. Fl-1592 il-knisja tal-Lunzjata ġiet mogħtija l-grad ta' parroċċa mill-Isqof Gargallo. Maż-żmien bnew knisja ġdida. Din kienet l-ewwel knisja parrokkjali li kellha pjanta ta' salib Latin u kellha altari sew fil-korsija u sew fil-kappelluni. Maż-żmien il-bini tal-knisja parrokkjali ra ħafna tibdil.

## Ħal Balzan

Fis-sena 1575 il-kappella tal-Lunzjata tissemma għall-ewwel darba. Fis-sena 1601 il-familja ta' Don Filippo Borg kienet tħallas għall-festa li kienet issir f'din il-kappella. Fl-14 ta' Awissu 1655, din il-kappella saret knisja parrokkjali. F'dawk iż-żminijiet kien hemm żewġ kappelli biswit il-knisja.

Fi-sena 1669 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali ġdida u l-korsija kienet lesta bejn is-snin 1671 u 1774. Il-bini tkompla fiz-zona tal-kor, koppla u fil-kampnar. Il-koppla kienet lesta fis-sena 1699. Sas-sena 1709 il-knisja kienet lesta. Din ġiet imbierka fit-23 ta' Jannar 1693, u kkonsagrata mill-Isqof Labini fis-7 ta' Ottubru 1781.

**Referenza:**

Vincent Borg **The Annuntiation of Our Lady** f'Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800). The historical Society Malta 1983.

***Joseph C. Camilleri***

Inspirations

16, Antoine De Paule,
Paola

*For all your stationery, gifts, novelties and ceramics.*

*All you need, under one roof in a homely atmosphere.*

*Phone: 801448 / 691162*